MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tad-9 ta' April, 2010

Appell Civili Numru. 5/2006/1

**Jeffrey Shaw**

**vs**

**Stephen Gatt u Charles Schembri**

**Il-Qorti,**

Fl-10 ta’ Lulju, 2009, il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **“**Il-Qorti,
>
> Rat l-avviz ipprezentat mill-attur fis-6 ta’ Jannar 2006 fejn talab lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom responsabbli ghad-danni kawzati lill-attur minhabba xogholijiet ta’ riparazzjoni maghmula in konnessjoni mad-daghjsa M.V. Saura, proprjeta’ tal-attur illi ma

sarux skond kif pattwit u/jew skond is-sengha u l-arti.

Tillikwida l-imsemmija danni fis-somma ta’ elfejn erbgha mija u disa’ u disghin lira u tlieta u tletin centezmu (Lm2499.33) jew somma verjuri illi tigi likwidata okkorrendo bl-opera ta’ periti u esperti nominandi.

Tikkundannahom jew min minnhom ihallsu lill-istess attur is-somma ta’ elfejn erbgha mija u disa’ u disghin lira u tlieta u tletin centezmu (Lm2499.33c) jew somma ohra verjuri illi tigi likwidata minn dina l-Onorabbli Qorti u rapprezentanti danni hekk kawzati minnhom jew min minnhom lill-mittent.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra gudizzjarja tas-17 ta’ Dicembru 2004.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Charles Schembri fejn eccepixxa:

1. In linea preliminari qed jigi eccepit li l-konvenut Charles Schembri ma hux il-legittimu kontradittur u kwindi ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju u dana in vista tal-fatt li l-eccipjent qatt ma kellu relazzjoni guridika mal-attur fuq il-meritu tal-kaz in ezami;

2. Illi x-xogholijiet in kwistjoni kienu gew esegwiti minn persuna kompetenti mqabbad mill-eccipjent u dana fuq l-inkarigu ta’ terza persuna li ma humiex parti minn dawn il-proceduri.

3. Illi fil-meritu u minghajr pregudizzju ghal premess jigi eccepit inoltre li x-xogholijiet in kwistjoni gew debitament esegwiti b’materjal tajjeb u skond kif titlob is-sengha u l-arti.

4. Illi jigi eccepit inoltre li l-ammont mitlub huwa ezagerat u ma jirriflettix il-valur reali tat-tiswijiet

izda ta' magna ghal kollox gdida u b'hekk l-attur qieghed in vjolazzjoni tal-obbligu civili tieghu li jimminimizza d-danni;

5. B'riserva li tintalab il-prezentata ta' eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Bl-ispejjez kontra l-attur minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Stephen Gatt fejn eccepixxa:

1. Illi l-unika relazzjoni li kienet tezisti bejn l-eccipjenti u l-attur hija dik naxxenti mill-bejgh tad-dghajsa M.V. Saura mill-eccipjenti ta' l-attur. Konsegwentement stante li l-azzjoni ezercitata mill-attur ma hijiex ibbazata fuq xi wahda mill-garanziji tal-bejgh, hija legalment infondata. Apparti minn hekk, fil-bejgh huwa prekluz li tigi ntavolata azzjoni ghad-danni wahedha minghajr ma tkun ibbazata fuq xi wahda mill-garanziji tal-bejgh.

2. Illi kuntrarjament ghal dak indikat fl-avviz, l-eccipjenti qatt ma gie nkarigat mill-attur iwettaq tiswijiet fuq id-dghajsa M.V. Saura, u ghalhekk qatt ma jista' jigi mizmum responsabbli ghal kwalunkwe danni allegatament inkorsi mill-attur bhala konsegwenza ta' tiswijiet li ma sarux skond l-arti u s-sengha jew mhux skond kif pattwit.

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, jigi eccepit illi kien biss ferm wara d-data tal-bejgh tad-dghajsa, u ferm wara l-konsenja taghha lill-attur, u sahansitra wara li dina bdiet tintuza regolarment minnu, li l-eccipjenti gie mgharraf li kellha xi forma ta' problema. Fil-fatt, fl-intervall, u dana anke minhabba n-nuqqas ta' lmenti mill-attur dwar id-dghajsa mibjugha lilu, l-eccipjenti hallas ghas-saldu lill-konvenut l-iehor Charles Schembri ghax-xogholijiet li kien wettaq fuq id-dghajsa.

4. Illi wara li gie konkluz il-bejgh l-eccipjenti ma kellu l-ebda kuntatt iehor ma' Charles Schembri, u kien l-attur stess li nkariga lil Charles Schembri iwettaq xogholijiet ta' riparazzjoni fuq id-dghajsa, tant li kull meta lmenta minn xi hsara huwa kkuntattja direttament lil Charles Schembri u mhux lill-eccipjenti, li ghalhekk qatt ma kellu l-opportunita' jivverifika l-ilmenti ta' l-attur.

5. Illi fi kwalunkwe kaz, u dana minghajr pregudizzju ghall-premess, l-attur irid jipprova li huwa minnu li nkorra danni fid-dghajsa, u li dawna d-danni kienu direttament relatati mal-bejgh u l-konsenja tad-dghajsa kif pattwit.

6. Illi jekk jirrizulta li huwa tassew inkorra danni minhabba xogholijiet li ma gewx imwettqa skond l-arti u s-sengha jew mhux kif miftiehem mal-konvenut l-iehor Charles Schembri, huwa unikament l-istess Charles Schembri li ghandu jigi kkundannat ihallas lill-attur.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni ta' l-avukati difensuri.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tirrigwarda talba ghall-hlas tad-danni wara xoghol hazin illi gie esegwit fuq magna tal-bahar installata fuq lanca M.V. Saura proprjeta' ta' l-attur.

Irrizulta illi l-M.V. Saura hija '*pleasure craft model Monterey 276 cruiser'* armata b'zewg magni *inboard* Mercuiser 4.3LX u zewg Alpha 1 '*stern drives'*. Il-lanca kienet fil-*boatyard* tal-konvenut Charles Schembri. Qabel il-bejgh kienet proprjeta' ta' Carlo Babini izda registrata fuq isem il-

konvenut Stephen Gatt. Kemm dan kif ukoll Charles Schembri kienu jafu illi magna minnhom kienet bil-hsara izda Babini ddecieda li jbiegh il-lanca kif inhi u jasal f'arrangament max-xerrej dwar it-tiswija tal-magna. L-attur kien qieghed il-*boatyard*, kien imhajjar jixtri lanca u meta ra din partikolari, l-M.V. Saura, iddecieda li jixtriha u dahal f'negozjati tal-bejgh taghha ma' Stephen Gatt.

Charles Schembri bhala sid il-*boatyard* u b'esperjenza twila fil-qasam marittimu ghen fin-negozjati u wassal il-partijiet fi ftehim. Ftiehmu illi l-lanca tinbiegh bil-prezz ta' tmintax-il elf lira izda l-magna diffettuza kellha titranga a spejjez tal-bejjiegh u cioe' Stephen Gatt. Il-kuntratt tal-bejgh gie ffirmat fis-27 ta' Mejju 2003 u f'paragrafu minnu nghad *"since port side engine had developed mechanical problems prior to this contract, and is at present under going repairs it has been agreed between the vender and purchaser that vender pay for all expenses pertaining to mechanical repairs and refitting of said engine. The purchaser hereby agrees that he is buying the said pleasure craft at the above agreed price of Lm18,000 with said engine fully repaired, fitted and operational and within reasonable time...."* (fol 19).

Il-kuntratt gie ffirmat, ukoll bhala xhud, mill-konvenut Charles Schembri. Jidher illi kien hemm diskussjonijiet fit-tul bejn it-tlett partijiet involuti u cioe' Jeffrey Shaw li kien qed jixtri d-dghajsa, Stephen Gatt li kien qed ibiegh u Charles Schembri sid il-*boatyard* dwar it-tiswija ta' din il-magna u l-partijiet kienu ftiehmu illi din kellha tkun a responsabbilta' ta' Charles Schembri. Dan jirrikonoxxi din ir-responsabbilta' li assuma. A fol 102 ighid testwalment *"jiena ma nsewwix magni, pero' kienet responsabbilta' tieghi li niehu hsieb it-tiswija.... Kelli naghti konsenja lil Jeffrey Shaw tad-dghajsa bil-magni jahdmu."* Quindi avolja fil-

kuntratt tal-bejgh il-konvenut Stephen Gatt bhala *vender* assuma r-responsabbilta' tat-tiswija tal-magna, fil-fatt kien inkariga lill-konvenut Charles Schembri sabiex jaghmel dan. Minn naha tieghu, Charles Schembri accetta din ir-responsabbilta' izda, peress li mhuwiex *mechanic* bi professjoni ghadda t-tiswija tal-magna f'idejn certu Vince Vella mill-Mellieha. Dana kien igawdi fiducja kbira ma' Charles Schembri u Vella qala' l-magna minn postha u hadha fil-garage tieghu ghat-tiswija. Avolja ghal dak li hija mano d'opera x-xoghol sar kollu minn Vince Vella, Charles Schembri tah xi parts. Vella deherlu li l-*pistons* kienu tajbin, hlief wiehed minnhom illi kien iggamjat u ghalhekk dana tbiddel u saru xi xogholijiet ohra, il-magna giet armata u nstallata fid-dghajsa.

Meta saru s-*sea trials* li ghaliha kienu prezenti zgur l-attur u l-konvenut Charles Schembri l-magna bdiet tahdem hazin, tant li kellhom jidhlu lura biex jinvestigaw fid-dettall xi hsara kien hemm u l-magna regghet inqalghet minn postha. Charles Schembri hawnhekk qal lil Shaw li jekk sar xoghol hazin, kien lest li jaghmel ir-riparazzjonijiet a spejjez tieghu u hawnhekk issemma l-isem ta' l-Ingineer Cardona u Charles Schembri qal lill-attur *"ghalhekk navvicinawh, imur jara din il-magna ghand Censu u jekk l-Ingineer jiddeciedi li Censu ghamel xoghol hazin, allura dan jerga' jaghmel ix-xoghol kollu li hemm bzonn."*

Sadanittant pero' Charles Schembri baghat kont lil Stephen Gatt ghat-tiswija tal-magna liema kont tela' ghal elfejn u seba' mitt lira (Lm2,700). Dana kien seba' mitt lira (Lm700) aktar mill-istima illi originarjament kienu ftiehmu. Ghall-ewwel Stephen Gatt kien qieghed jikkontesta dan il-kont izda darba minnhom ra d-dghajsa fil-bahar, ra li kienet qed tahdem tajjeb u biex jaqta' l-kwistjonijiet darba ghal dejjem kien issuggerixxa lil Carlo Babini sabiex isiru l-hlasijiet, liema hlasijiet saru permezz ta' zewg *cheques*, wiehed ta' Lm1415

datat 15 ta' Lulju 2004 u iehor ta' Lm1300 datat 31 ta' Lulju 2004. Iz-zewg *cheques* kienu indirizzati lit-Tecnomarine li hija l-azjenda tal-konvenut Charles Schembri (Fol 86). Dawn ic-*cheques* issarfu.

Meta l-Ingineer Paul Cardona spezzjona l-magna sab illi kien fiha difetti serji u b'rapport datat 24 ta' Settembru 2004 (fol 42) wasal ghall-konkluzzjoni li sar xoghol hazin fuqha. Fost affarijiet ohra qal *"accelerated wear in the five cylinder liners is* *__not__* *normal wear and tear."* Kompla jispjega anke fil-kontro-ezami tal-Qorti illi gew uzati *pistons* illi ma kienux tad-daqs kif ukoll *piston rings* li ma kienux addattati ghall-*pistons* b'tali mod li saret hsara kbira lill-magna. Peress illi kien il-mechanic Vincent Vella wahdu li hadem fuq il-magna l-Qorti m'ghandha l-ebda dubbju li dan ghamel xoghol hazin u zgur mhux skond l-arti u s-sengha biex wassal lill-magna fl-istat illi kienet bi pregudizzju serju ghall-attur. Mhux ta' xejn li f'dak l-istadju l-attur tilef il-fiducja kollha u kellu jixtri magna gdida. L-attur hallas ic-cifra ta' Lm2499.33 sabiex jixtri l-magna bil-hlasijiet ancillari ta' freight, dazju, insurance etc (fol 17) u hija proprju din ic-cifra li qieghda tintalab f'dan l-avviz li hija wkoll dokumentata bl-ircevuti u *invoices* rispettivi.

Il-konvenuti mhumiex qeghdin jikkontestaw l-ammont, izda mhumiex qeghdin jaccettaw ir-responsabbilta'. Charles Schembri qieghed ighid li mhuwiex il-legittimu kontradittur u l-konvenut l-iehor Stephen Gatt ighid li qatt ma gie nkarigat mill-attur. Presumibilment Charles Schembri qieghed jallega li mhuwiex il-legittimu kontradittur peress illi fil-kuntratt tal-bejgh tas-27 ta' Mejju 2003 jissemmew biss l-attur bhala xerrej u Stephen Gatt bhala venditur u Charles Schembri iffirma bhala xhud.

Fuq din l-eccezzjoni l-Qorti jidhrilha illi l-operat ta' Charles Schembri f'din il-vicenda kien ferm iktar

profond minn dak ta’ xhud. Jibda biex jinghad li kien responsabbli sabiex iwassal il-partijiet ghall-konkluzzjoni tal-bejgh. Gie rikonoxxut bhala sensar u l-attur Jeffrey Shaw hallas is-senserija lil Schembri. Apparti dan, Schembri ndahal personalment sabiex isewwi d-dghajsa difettuza u bhalma diga’ nghad assuma r-responsabbilta’ personali ghat-tiswija. Jekk dan ma deherx fuq il-kuntratt tal-bejgh, intqal fix-xhieda moghtija f’din il-kawza fejn ghal aktar minn darba, Charles Schembri accetta r-responsabbilta’ ghat-tiswija. Quindi llum ma jistax aktar ighid li huwa mhuwiex il-legittimu kontradittur peress li dahal f’relazzjoni diretta ma’ l-attur ghat-tiswija mal-magna in kwistjoni.

L-eccezzjoni ta’ Stephen Gatt illi huwa qatt ma gie nkarigat mill-attur fiha aktar fondament. Avolja fil-kuntratt tal-bejgh ddikjara li kien lest *“to pay for all expenses pertaining to mechanical repairs and refitting of said engine.”* (ara l-kuntratt ta’ bejgh fol 18) l-inkarigu ta’ tali tiswija gie moghti lil Charles Schembri u mhux lilu. Fi kwalunkwe kaz Stephen Gatt qeda l-obbligazzjoni tieghu meta huwa hallas lil Schembri l-ammont ta’ Lm2,700 ghat-tiswija tal-magna. Sa fejn kien jaf Gatt darba ghamel dan il-pagament il-kwistjoni kellha tieqaf hemm, izda huwa gie nfurmat ferm wara li l-magna baqghet difettuza u l-attur wehel fi spejjez ohra ghat-tiswija tal-magna ghand terzi. Quindi l-Qorti jidhrilha illi l-persuna responsabbli ghal tiswijiet hziena li saru fuq il-magna kien il-mechanic Vincent Vella li ghamel xoghol ferm dilettantesk u zgur li ma jaghmilx gieh ghall-esperjenza twila li huwa jghid illi ghandu fil-qasam tal-magni marittimi. Pero’ bejn Vincent Vella u l-partijiet ma hemm l-ebda relazzjoni guridika u lanqas kuntrattwali peress li gie mqabbad sabiex jesegwixxi t-tiswijiet mill-konvenut Charles Schembri illi fuqu kienet taqa’ r-responsabbilta’ ahharija tal-konsenja tal-magna fi stat tajjeb. Din ir-responsabbilta’ tkompli tigi accentwata bil-fatt li huwa rcieva l-hlas ta’ elfejn u

seba’ mitt lira (Lm2,700) ghat-tiswija tal-magna, biex ma nghidu xejn dwar il-partiti li gew fatturati darbtejn kemm lill-konvenut Stephen Gatt kif ukoll lill-attur Jeffrey Shaw bil-valur ta’ sitt mitt lira (Lm600) [fol 109].

Ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi l-konvenut Charles Schembri ma qediex ir-responsabbiltajiet tieghu ta’ *bonus pater familias* fil-konfront tal-partijiet l-ohra li kienu fdawh bit-tiswija tal-magna u jekk Vincent Vella ghamel xoghol hazin, dina hija haga li Charles Schembri ried jaraha personalment ma’ Vella u m’ghandha x’taqsam xejn fir-relazzjonijiet bejn Jeffrey  Shaw u Stephen Gatt. Dan ta’ l-ahhar qeda r-responsabbiltajiet kuntrattwali tieghu  bil-hlas ta’ elfejn u seba’ mitt lira (Lm2,700) lil Charles Schembri u kellu kull dritt jassumi li b’dak il-hlas ir-responsabbilta’ tieghu li jikkonsenja magna fi stat tajjeb kienet giet moqdija. Kien nuqqas tal-konvenut Charles  Schembri illi dan ma sarx. Ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi huwa Charles Schembri responsabbli ghad-danni li gew ikkawzati fil-magna ad eskluzzjoni tal-konvenut l-iehor Stephen Gatt.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta’ u tiddeciedi filwaqt illi tilqa’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Stephen Gatt u tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju. Tilqa’ t-talba ta’ l-attur u filwaqt illi tiddikjara lil Charles Schembri wahdu responsabbli ghad-danni kawzati lill-attur minhabba xogholijiet ta’ riparazzjoni maghmula in konnessjoni mad-dghajsa M.V. Saura, proprjeta’ tal-attur illi ma sarux skond kif pattwit u skond is-sengha u l-arti.

Tillikwida d-danni subiti mill-attur fl-ammont ta’ €5,821.87 (Lm2499.33) u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut Charles Schembri li jhallas lill-attur dan l-ammont hekk likwidat. Bl-

> ispejjez u l-interessi legali mid-data ta' din is-sentenza kontra l-konvenut Charles Schembri."

Minn din is-sentenza gewipprezentati zewg appelli separati. Il-wiehed, dak tal-konvenut Carmel Schembri u l-iehor mill-attur;

L-appellanti Carmel Schembri jirpoza l-kontestazzjoni tieghu bl-aggravji f'din l-ordini:-

1. L-ewwel Qorti zbaljat meta cahditlu t-talba tieghu ghall-prezentata ta' eccezzjoni ulterjuri dwar il-karenza ta' l-interess guridiku fl-attur wara li dan biegh id-dghajsa fil-mori tal-gudizzju. Huwa jikkontendi illi la fl-att tal-bejgh mill-attur lil terzi, u ghal liema thallas, ma saret ebda rizerva dwar il-mertu tal-kawza jigi li l-attur ezawrixxa l-pretensjoni li kellu fil-konfront tieghu;

2. L-ewwel Qorti zbaljat ukoll fejn osservat illi huwa ma kienx qed jikkontesta d-danni ghaliex tali kontestazzjoni tinzel b'mod adegwat mir-raba' eccezzjoni tieghu u din ma jidherx li giet ikkonsidrata kif imiss minn dik il-Qorti;

3. La huwa ma kienx il-persuna li ezegwixxa xoghlijiet fuq il-magna tad-dghajsa l-Qorti ma kellhiex tiddikjarah responsabbli. Hawnhekk, l-appellanti jzid jaggungi illi jekk l-ewwel Qorti kienet tant konvinta illi sar xoghol hazin mill-mekkanik Vince Vella, minnu inkarigat, kien messha ordnat li dan jigi msejjah fil-proceduri;

Minn naha tieghu l-attur appellanti jikkontrasta lill-ewwel Qorti dik il-parti tad-decizjoni taghha li biha laqghet l-eccezzjonijiet tal-konvenut Stephen Gatt u lliberatu mill-osservanza tal-gudizzju. Huwa, invece, jilmenta illi dak il-konvenut kellu jinstab hu wkoll fi htija ghal fatt ta' l-inadempiment ta' l-obbligazzjonijiet minnu assunti skond l-iskrittura ta' ftehim tas-27 ta' Mejju, 2003;

Premessi s-suesposti aggravji taz-zewg appellanti l-Qorti ser tghaddi biex l-ewwelnett tokkupa ruhha minn dawk sottomessi mill-konvenut Schembri, u skond l-istess ordni li fiha tqajmu;

B'introduzzjoni ghall-ewwel kap ta' aggravju jigi osservat illi skond ma jinzel mill-verbal ta' l-4 ta' Gunju, 2009 (fol. 143), l-ewwel Qorti ma laqghetx it-talba tal-konvenut Carmel Schembri biex iressaq eccezzjoni ulterjuri tan-nuqqas ta' interess guridiku u dan wara li qieset illi mix-xhieda ta' l-attur (fol. 145) ma kienx jirrizultalha illi mal-bejgh tad-dghajsa mill-attur lil terzi gew ukoll ittrasferiti d-drittijiet litigjuzi;

Fil-hsieb tal-Qorti, l-qorti ta' l-ewwel grad sewwa ddekretat, u dan avolja l-appellanti ma talabx ukoll flimkien mar-revoka tas-senteza fil-mertu, ir-revoka ta' dak id-digriet. B'dik il-vendita tal-*boat* mill-attur minghajr it-trapass tal-jedd litigjuz ma kien hemm ebda diminuzzjoni fid-dritt ta' l-attur li jkompli jipprosegwi bl-azzjoni ghar-reklam tad-danni, oggett tat-talba tieghu, minghand il-konvenuti. Anzi, kif taraha din il-Qorti, hu kien ghad baqalu dak l-interess guridiku li jottjeni rizultat utli u konkret ghar-re-integrazzjoni tal-patrimonju tieghu bil-fatt tad-danni subiti. F'dan il-kaz l-interess guridiku tieghu hu ben identifikat fis-sitwazzjoni oggettiva derivanti mill-fatt lesiv (intiz, s'intendi, f'sens wiesgha) ghan-nuqqas ta' tiswija skond it-teknika tajba tal-magna tal-*boat* u ghal-liema hu hallas il-prezz akkordat, flimkien ma' l-istess *boat*, fil-mument ta' l-akkwist taghha minghand il-konvenut Stephen Gatt. Bil-bejgh mill-attur tal-*boat* fil-kors tal-kawza dak l-istess interess ma tilefx l-attwalita tieghu biex jista' jinghad illi sar wiehed merament astratt jew ipotetiku. Lanqas ma tilef il-legittimita tieghu ghaliex hu l-magna gdida kien xtraha u hallas ghaliha gjaladarba r-riparazzjonijiet fuq dik l-ohra li kellha l-*boat* irrizultaw hekk teknikament deficjenti. Taht dan il-profil l-ewwel ilment qed jitqies insostenibbli;

L-essenza tat-tieni motiv ta' aggravju da parti tal-konvenut appellanti jikkonsisti f'dan. Ir-raba' eccezzjoni tieghu kienet tillustra l-kontestazzjoni minnu tad-danni. Dan fis-sens illi kif sottomess minnu parti mill-ispiza reklamata kienet tirrigwarda xoghlijiet fuq magna separata tal-*boat* u mhux dik li kellha l-hsara u, dippju, l-attur ma kellux ghalfejn jissostitwixxi din l-ahhar magna b'wahda gdida ghaliex din setghet facilment tissewwa;

Jibda biex jigi konsidrat illi minn kif redatta r-raba' eccezzjoni din ma kienetx qeghda effettivament tikkuntrasta l-ezistenza tad-danni izda biss il-kwantum taghhom. Permezz taghha l-appellanti Schembri jopponi l-ammont reklamat ghaliex hu jqisu ezagerat u ma jirriflettix il-valur ta' tiswijiet izda ta' magna ghal kollox gdida. Dan, skond il-fehma tieghu, bi ksur ta' l-obbligu da parte tad-danneggjat li jimminimizza d-danni;

Jikkonsegwi minn din is-sitwazzjoni preliminari tal-linja difensjonali adottata mill-appellanti f'dik l-eccezzjoni tieghu, dawn il-konsiderazzjonijiet li gejjin:-

(1) L-ewwelnett hi gurisprudenza konkordi illi "l-kwestjoni ta' x'inhu ragonevoli li jaghmel id-danneggjat biex jimmitiga l-hsara mhix kwestjoni ta' ligi imma ta' fatt li ghandha tigi kkunsiderata fic-cirkostanzi ta' kull kaz partikulari, u l-oneru tal-prova f'dan ir-rigward specifiku jaqa' fuq il-konvenut" ("**Joseph Aquilina -vs- Emmanuela Schembri**", Appell Civili, 24 ta' Jannar, 1969). Din l-enuncjazzjoni fil-verita, fuq dak ricerkat minn din il-Qorti, mhix hlief traduzzjoni fidila ta' dak riskontrat fil-**Halsbury** (**Vol. X, p 143**), kif hekk ukoll riskontrat fis-sentenzi anterjuri fl-ismijiet "**Antonio Mallia -vs- Catherine Moore**", Appell Civili, 26 ta' Novembru, 1954 u "**John Xuereb -vs- James Edward Livick *et***", Appell Inferjuri, 3 ta' Novembru, 1956;

(2) L-atti probatorji ma jsostnux l-asserzjoni illi l-kwantum reklamat kien jikkoncerna spejjez li ma kienux

jirrientraw fil-qafas tal-mitlub mill-attur skond l-Avviz promotur tieghu. Dawk l-ispejjez gew erogati mill-attur (ara Affidavit tieghu a fol. 13 *et sequitur*) u huma korroborati mid-dokumenti esebiti;

(3) Ragonevolment, imbaghad, ma kellux lanqas ikun aspettat illi l-attur joqghod kull darba jirrikorri ghal riparazzjonijiet biex jimmitiga d-danni. *Multo magis*, imbaghad, meta dawk ir-riparazzjonijiet l-ohra, in konsegwenza ta' liema l-attur kien kostrett jirrikorri ghax-xiri ta' magna gdida, ma jkunux taw ebda rizultament adattat jew fruttiferu ghad-destinazzjoni tal-magna. Wara kollox, jekk wiehed kellu jadopera l-kriterju stabbilit fis-sentenzi predetti ma jidherx li l-appellanti skarika minn fuqu l-oneru li juri konvincentement illi l-problema fil-magna setghet tittaffa jew tigi eliminata permezz tar-rimedju ta' tiswijiet ulterjuri. In bazi ghal dawn il-konsiderazzjonijiet ukoll dan l-aggravju qed jigi respint;

B'riflessjonijiet ghat-tielet motiv ta' aggravju dedott mill-appellanti l-Qorti trid tirregistra dan li gej:-

1. Hu ammess mill-istess appellanti illi fil-mument tal-kontrattazzjoni tal-bejgh tad-dghajsa mill-konvenut l-iehor lill-attur huwa assuma r-responsabilita li jiehu hsieb it-tiswija tal-magna (ara xhieda tieghu a fol. 102). Hu nnifsu jiddikjara wkoll illi ghamel xoghol preparatorju jew esplorattiv fuqha (tant li anke indikah fil-kont sottomess ghall-hlas), anke jekk spicca biex alloka x-xoghlijiet ta' ripar lill-mekkanik Vince Vella (fol. 103). Hu minn dawn id-dikjarazzjonijiet ta' l-appellanti illi tinzel il-prova tar-rapport bejnu u l-attur;

2. Inkwadrat dan ravvizat mill-ottika tal-principju generali tad-dritt, l-adempiment minnu, *qua* debitur ta' l-obbligazzjoni, tad-dover assunt f'dak ir-rapport kien jesigi minghandu illi fl-ezekuzzjoni ta' l-obbligazzjoni huwa jevita li jarreka hsara lill-interessi ta' l-attur-kreditur. Dan bl-uzu ta' dik id-diligenza tal-missier tajjeb tal-familja ghal liema jirreferi l-Artikolu 1132 tal-Kodici Civili. Jekk allura jinstab li hu ma ezegwiex dik l-obbigazzjoni fl-ezattezza taghha u

skond ir-regoli tat-teknika tajba ma jkunx jista' jehles mill-obbligu tar-rizarciment tad-danni (Artikolu 1125), salv li ma jiddemostrax ukoll l-ezistenza ta' xi impossibilita f'dik l-ezekuzzjoni dovuta ghal "haga barranija" mhux imputabbli lilu (Artikolu 1133, Kodici Civili);

3. Ix-xi "haga barranija" ghal liema jirreferi l-artikolu ma tistax di fronte ghall-attur tikkonsisti mir-responsabilita oggettiva tal-mekkanik li lilu l-appellanti kkummissjoni x-xoghlijiet ta' tiswija. Tezisti, certament, konnessjoni bejn l-opera ta' dak il-mekkanik u l-adempiment tal-prestazzjoni li l-appellanti assuma fir-rigward ta' l-attur, izda la ma kienx l-attur li ghazel u inkariga lill-mekkanik Vella, ir-regola tar-responsabilita kontrattwali fuq accennata tibqa' fil-kaz ta' l-appellanti vis-a-vis l-attur wahda immutata;

4. Evidentement, dan l-ewwel Qorti gharfitu, ukoll jekk b'konsiderazzjoni diversament impostata. Minn naha l-ohra, ukoll evidentement, l-ewwel Qorti, filwaqt li ssoffermat fuq ix-xoghlijiet deficjenti mill-mekkanik, ma rrikonoxxitx in-necessita tas-sejha fil-kawza ta' l-istess mekkanik. Dan mhux minghajr raguni. Apparti li l-Artikolu 961 tal-Kapitolu 12 ma jimponi ebda obbligu fuq il-Qorti li *ex officio* ssejjah terz fil-kawza, il-gurisprudenza tinsenja illi hu biss meta l-Qorti tirrikonoxxi dik in-necessita li mbaghad id-diskrezzjoni taghha ssir dover. Ara "**Maria mart Paolo Pace *et* -vs- Avukat Dottor Giovanni Sammut *et***", Appell Civili, 3 ta' Gunju, 1963. Tali necessita fil-kaz in ezami ma kienetx tinsorgi. Del resto, imbaghad, l-appellanti nnifsu ma hassx huwa stess in-necessita li b'semplici talba jitlob il-kjamata fil-kawza tal-mekkanik Vella. Ghall ragunijiet kollha predetti ukoll dan l-ahhar aggravju ta' l-appellanti Schembri qed jitqies bla bazi;

Dan iwassal ghall-konsiderazzjoni ta' l-aggravju uniku sottopost mill-attur bl-appell tieghu. Huwa jissottometti illi l-ewwel Qorti ma kellhiex issib nuqqas ta' responsabilita fil-konvenut Stephen Gatt in kwantu dik il-htija tieghu kienet tidderivi mill-fatt illi dan naqas milli jottempera ruhu

ma' l-obbligazzjonijiet minnu assunti bl-iskrittura tas-27 ta' Mejju, 2003. Fl-ispecifiku, in-nuqqas tal-hlas tat-tiswijiet necessarji biex il-magna tigi riparata u l-inadempiment tal-garanzija tal-funzjonament tajjeb ta' l-istess magna;

Biex jaghti forza lil dan l-ilment tieghu l-attur appellanti jikkollega ruhu ghall-pattijiet ta' l-iskrittura precitata (fol. 18) li permezz taghhom il-konvenut Gatt, *qua* venditur tad-dghajsa, intrabat li jhallas "*for all expenses pertaining to mechanical repairs and refitting of said engine*" (dik 'port side') b'dan li zied jiggarantixxi wkoll "*that the engine in question has undergone proper repairs*" u dan "*until such time that a sea trial can be conducted and a certification of good engine repairs issued by an appointed marine mechanic of mutual trust*". Kien biss wara l-hrug ta' certifikat bhal dan illi l-effetti tal-garanzija kellhom jispiccaw;

Fuq il-fehma tal-Qorti din il-kwestjoni ma gietx indirizzata u deliberata kif jixraq mill-ewwel Qorti, ankorke, *gratia argomenti*, dik l-istess Qorti kellha tirraguna fuqha mill-perspettiva ta' l-Artikolu 213 tal-Kodici ta' Procedura. Huwa veru illi l-konvenut Gatt ma mmiskjax ruhu direttament fir-riparazzjoni tal-magna, imma hu daqstant iehor veru illi, fil-veste tieghu ta' venditur tad-dghajsa "*with said engine fully repaired, fitted and operational*", huwa ggarantixxa l-funzjonament sewwa tal-magna;

Huwa markatament distingwibbli illi b'dik il-konvenzjoni kontrattwali fir-rapport bejn l-attur-kompratur u l-konvenut-venditur kien qieghed jigi postulat illi l-magna, in kwantu certament komponenti accessorja importanti tad-dghajsa venduta, kellha, b'segwitu tar-riparazzjoni effettwata u skond il-kriterju tan-normalita, tiffunzjoni tajjeb, imqar ghal certu zmien apprezzevoli skond id-destinazzjoni taghha. Agguntivament ukoll, almenu zgur fil-kaz ta' l-attur-xerrej li nsista li tinghatalu, illi dik il-garanzija sservi biex tirrafforza l-protezzjoni tieghu f'kombinazzjoni u in aggunta ma' dawk

il-garanziji l-ohra legali ghall-vizzji mohbija u l-mankanza tal-kwalita taht l-istitut tal-“Bejgh” fil-Kodici Civili;

Certament jikkonsegwi minn dan illi, u apparti l-obbligu assunt li jhallas ghall-ispiza tat-tiswija, il-konvenut Gatt kellu jassikura u jattiva ruhu, ghal dik l-istess garanzija minnu provvduta, illi tabilhaqq, kien mill-konvenut l-iehor Schembri, qeghdin jigu kondotti, “proper repairs”. La huwa dan ma ghamlux fiz-zmien opportun ma hijiex accettabbli ghal din il-Qorti d-difiza illi l-azzjoni esperita mill-attur m’ghandhiex konnessjoni mal-garanziji tal-bejgh. Proprju l-invers hu l-kaz, in kwantu l-garanzija in ispecje tirrizulta minn patt kontrattwali u tista’ allura dejjem tigi invokata u prevalsa f’azzjoni ghall-konsegwiment tad-danni, anke ghaliex dawn, ghar-ragunijiet gja premessi, jinsabu f’korrelazzjoni mal-vendita *ut sic* tad-dghajsa. Minn din l-esposizzjoni tal-konsiderazzjonijiet l-Qorti ssib li l-aggravju hu fondat u s-sentenza appellata soggetta li tigi riformata.

Ghal motivi kollha predetti din il-Qorti tirrespingi l-appell tal-konvenut Charles Schembri u konsegwentement tikkonferma s-sentenza appellata fil-konfront tieghu. Tilqa’ invece l-appell ta’ l-attur u konsegwentement tvarja l-istess sentenza billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut Stephen Gatt, akkolti mill-ewwel Qorti, u, fit-tieni lok tikkundanna lill-istess konvenut ghar-rizarciment tas-somma mitluba f’danni mill-attur, (€5821.87) solidalment mal-konvenut l-iehor Charles Schembri. Dan flimkien ma’ l-interessi legali mid-data ta’ l-ewwel sentenza. L-ispejjez gudizzjarji taz-zewg istanzi ghandhom jitbatew miz-zewg konvenuti fil-proporzjon ta’ nofs kull wiehed.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------